MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tas-27 ta' Frar, 2009

Appell Civili Numru. 692/2007/1

**Emanuel Borg u martu Maria Rita Borg**

**vs**

**Anna Clews u zewgha George Clews**

**Il-Qorti,**

Fil-15 ta' Settembru, 2008, it-Tribunal ghal Talbiet Zghar ippronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

> **“**It-Tribunal,
>
> Ra l-**Avviz** fl-ismijiet premessi pprezentat fl-24 ta' Settembru, 2007 fejn gie mitlub illi t-Triobunal jikkundanna lill-konvenuti ihallsu s-somma ta' hames mitt Liri Maltin (Lm500) jew somma verjuri li tigi likwidata minn dan l-Onorabbli Tribunal, rapprezentanti danni sofferti mill-atturi b'segwitu ta' akkuzi ta' malafama li ghamlet il-konvenuta fil-

konfront tal-atturi, konsistenti f'telf ta' xoghol, spejjez medici u legali, u dan kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza. Bl-ispejjez u bl-imghax legali, kontra l-konvenuta ngunta ghas-subizzjoni.

Ra r-**Risposta** tal-konvenuti tal-5 ta' Novembru, 2007 fejn gie premess illi in linea preliminari, il-konvenuti jeccepixxu illi dan it-Tribunal m'ghandux il-kompetenza sabiex jisma` u jiddeciedi dwar it-talbiet ta' l-atturi, stante illi dawn it-talbiet mhumiex talbiet ghal flus a tenur ta' l-Artikolu 3(2) tal-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta' Malta, u dan minhabba li l-atturi qeghdin jitolbu l-likwidazzjoni ta' danni kawzati b'allegati akkuzi ta' malafama konsistenti f'telf ta' xoghol, spejjez medici u kif ukoll spejjez legali.

Illi bla pregudizzju ghas-suespost it-talbiet ta' l-atturi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra taghhom stante li l-konvenuti m'ghamlu ebda akkuzi ta' malafama fil-konfront ta' l-atturi, u kwindi m'huma bl-ebda mod responsabbli ghal-allegati danni rikjesti mill-atturi. Salv eccezzjonijiet ulterjuri. Bl-ispejjez kollha kontra l-atturi.

Ra d-decizjoni preliminari tieghu tad-19 ta' Frar 2008, li permezz taghha ddecieda dwar l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti.

Sema` x-xhieda kollha prodotti u ra d-dokumenti kollha ppresentati.

Ikkunsidra :

Illi l-attrici **Maria Rita Borg** (8 ta' April 2008), stqarret illi fil-passat kienet ghamlet proceduri kriminali kontra l-konvenuta Anna Clews rigwardanti diversi ittri u telefonati anonimi. Qalet ukoll illi din l-istorja ilha ghaddejja ghall-madwar sitt snin, u wara li tircievi ittri anonimi gieli kellha tirrekorri ghand tabib ghal-kura medika.

Ippromettiet illi tesebixxi prospett tad-danni sofferti.

**Yanika Borg**, bint l-atturi u prodotta mill-istess atturi (8.04.08), qalet illi hija ma tistax tghid jekk il-genituri taghha sofrewx xi tip ta' hsara rizultat tal-malafama li ghaddew minna.

L-attur **Emanuel Borg**, ikkonferma dak li xehdet l-attrici, cioe` illi l-istorja mal-konvenuta ilha ghaddejja madwar sitt snin. Ikkonferma wkoll illi martu kellha bzonn kura medika, qal ukoll illi fid-drabi li l-familja rceviet telefonati anonimi hu kellhu jitlaq minn fuq il-post tax-xoghol sabiex jinghaqad ma` familtu. Qal ukoll illi minn mindu spiccat il-kawza kriminali l-affarijiet huma weqfin.

Ra n-nota ta' l-atturi pprezentata fis-seduta tas-7 ta' Mejju 2008, kontenenti prospett tad-danni allegatament sofferti, ammontati ghal elfejn, sitt mija u tmienja u hamsin Euro u erba` Euro Cents (€2658.04), gia elf, mija u erbghin Liri Maltin u disa` u sebghin centezmu (Lm1140.79).

Sema` x-xhieda tal-konvenut **George Clews** (10.06.08) li stqarr illi l-atturi huma girien taghhom u li in segwitu ghall-proceduri kriminali li kienu ttiehdu, l-kontendenti kienu ghamlu garanzija reciproka. Jghid illi l-ewwel darba li sar jaf b'xi problemi li kien hemm kien f'Jannar 2007 meta baghtu ghalih il-Pulizija. Ma jafx min kiteb l-ittri anonimi, izda jaf illi l-mara tieghu giet akkuzata b'dan.

Sema` t-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet u ra illi l-kawza thalliet ghall-lum ghad-decizjoni.

Ikkunsidra ulterjorment :

Illi l-atturi qeghdin hawnhekk jistitwixxu proceduri sabiex dan it-Tribunal jillikwida d-danni allegatament sofferti minnhom in segwitu ghal

azzjonijiet dannuzi maghmula fil-konfront taghhom mill-konvenuti.

Illi min jallega irid jipprova – u ghalhekk anke f'dan il-kaz il-piz tal-prova kien jispetta lill-atturi. L-atturi f'dan il-kaz kellhom l-obbligi li fl-ewwel lok jippruvaw illi l-konvenuti kkommettew azzjonijiet dannuzi fil-konfront ta' l-istess atturi u fit-tieni lok kellhom jippruvaw ukoll illi tali azzjonijiet dannuzi kkawzaw danni u l-ammont ta' l-istess danni.

L-atturi, fl-Avviz minnhom intavolat, talbu ghall-likwidazzjoni tad-danni fis-somma ta' hames mitt Liri Maltin (Lm500) jew somma ohra verjuri. Il-prospett esebit (a fol 23) jindika somma likwidata mill-istess atturi fl-ammont ta' elf u mija u erbghin Liri Maltin u disgha u sebghin centezmu (Lm1140.79), jew elfejn sitt mija u tmienja u hamsin Euro u erba` Euro Cents (€2658.04) – ossia aktar mid-doppju.

Illi apparti mill-fatt illi l-*items* kollha ndikati kienu gia a konoxxenza (suppost!!) ta' l-atturi – pero` l-atturi ma ppruvawx kif trid il-ligi d-danni minnhom sofferti.

Qabel xejn jinghad illi ghal dak li jirrigwarda l-prova dwar l-allegat azzjoni dannuza maghmula mill-konvenuti lill-atturi – l-atturi strahu biss fuq is-sentenza DOK GC minnhom esebita – liema sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura wahedha ma tistghax taghmel prova sufficjenti f'dawn il-proceduri. L-atturi ma ressqu ebda prova, una volta anke illi l-fatt huwa kkontestat mill-konvenuti, illi verament l-konvenuti ikkomettew azzjoni dannuza fil-konfront ta' l-istess atturi. Hadd mit-tlett xhieda prodotti mill-atturi ma ressaq l-icken prova dwar dak allegat fl-Avviz promotur.

Strettament, b'din il-konkluzjoni, it-Tribunal jista` jieqaf hawn. Imma dan mhux ser jaghmlu ghax

anke dwar il-quantum tad-danni mitluba mill-atturi, it-Tribunal mhux sodisfatt illi l-atturi ippruvaw il-kaz taghhom, u ghalhekk anke kieku ghall-grazzja ta' l-argument, it-tribunal seta` jsib u jikkonkludi illi l-konvenuti kkomettew azzjoni dannuza kontra l-atturi ghall-liema huma jridu jirrispondu – l-atturi naqqsu milli jippruvaw il-kaz taghhom ghal dak li huwa danni u quantum ta' danni allegatament minnhom sofferti.

Dwar il-prospett – l-attrici tghid biss illi kellha tipprezenta wiehed. Hekk sar – u wara l-presentata tal-prospett, l-attrici la hadet gurament fuqu u dwaru u wisq anqas ssostanzjat il-prospett taghha biex tipprova l-kaz taghha.

It-Tribunal ihoss illi mhux bizzejjed illi jigi pprezentat prospett bhal dak esebit – dak irid ikun sopportat mid-dokumentazzjoni relattiva ghalih – bhal ma huma *payslips*, ricevuti ta' tobba etc. Min dan kollu ma sar xejn – u ghalhekk dan it-Tribunal ihoss illi l-pretensjoni attrici ma gietx ppruvata sodisfacentament kif trid il-ligi. Fuq kollox dawn huma dokumenti li l-atturi setghu facilment ipproducew, suppost jinsabu f'idejhom u kellhom jigu esebiti sabiex jippruvaw il-kaz taghhom.

Kulhadd jista`jhejji prospett – imma dak wahdu u fih inniffsu ma jikkostitwix prova. Il-prova vera tigi meta il-prospett ikun sopportat mid-dokumentazzjoni relattiva. Il-prospett wahdu huwa indikazzjoni, elenku u spjegazzjoni tad-danni allegatament sofferit – imma jrid ikun sostanzjat, altrimenti ma jiswa` xejn.

Kienu di fatti korretti l-konvenuti jghidu illi bil-provi li tressqu mill-atturi – il-konvenuti lanqas kellhom x'jikkontrollaw, propju minhabba n-nuqqas ta' provi adekwati.

Fid-dawl ghalhekk tal-fatt illi l-atturi ma rnexxilomx jipprovaw illi huma sofrew danni x'jigu likwidati

> konsegwenza u ghar-ragunijiet indikati fl-Avviz – t-talba taghhom sejra tigi michuda.
>
> Ghaldaqstant, it-Tribunal, wara li qies ic-cirkostanzi kollha tal-kaz u wara li ha konjizzjoni ta’ l-atti kollha jghaddi sabiex jichad t-talba attrici in kwantu ma’ gietx sodisfacentement ppruvata – bl-ispejjes kollha kontra l-istess atturi.”

Appellaw minn din is-sentenza l-atturi kontestanti sew ir-ragonament tat-Tribunal in kwantu ghal punt tar-responsabilita` ghad-danni attribwiti minnhom lill-konvenuti, kif ukoll in mertu ghall-punt tal-kwantum tad-danni subiti. Huma jikkontendu illi fiz-zewg kazijiet ressqu l-provi idoneji permezz ta’ dokumenti attendibbli ghas-sostenn tat-talba taghhom ghall-hlas tad-danni derivanti mill-malafama fil-konfront taghhom da parti tal-konvenuta;

Ghal dak l-appell il-konvenuti wiegbu kif gej:-

(1) Preliminarjament, l-irritwalita` u nullita` ta’ l-istess appell in kwantu ma kienx jissodisfa r-rekwiziti tal-ligi ghall-appell minn sentenza tat-Tribunal;

(2) Fit-tieni lok u fil-mertu t-Tribunal sewwa ddecieda, kemm ghaliex l-azzjoni kriminali u dik civili huma indipendenti minn xulxin, kif ukoll ghan-nuqqas ta’ prova sufficjenti dwar l-kwantum tad-danni;

B’dik l-ewwel pregudizzjali taghhom il-konvenuti qeghdin jissottomettu illi, trattasi ta’ mertu ta’ talba li l-valur taghha ma jeccedix il-hames mitt lira (Lm500), l-appellanti kien jehtiegilhom juru illi l-aggravju taghhom biex jaqa’, almenu, f’xi wiehed mill-ipotesijiet elenkati fl-Artikolu 8 (2) (d) tal-Kapitolu 380. Ghall-appellati, l-ostakolu da parti ta’ l-appellanti ma giex superat u, konsegwentement, l-eccezzjoni taghhom ta’ l-irritwalita u nullita` ta’ l-appell ghandha tigi akkolta;

Bla dubju, l-apprezzament tal-fatti hu rimess ghad-diskrezzjoni tal-gudikant adit mill-mertu u, *di regola*, indipendentement mix-xorta tat-tribunal li quddiemu l-kawza tkun trattata, dak l-istess apprezzament ma jigix disturbat sakemm ma jkunx jirrizulta xi motiv gravi biex Qorti ta' revizjoni twarrab dak l-apprezzament u tissostitwih b'dak taghha. Dan hu maggorment hekk fil-kaz ta' decizjonijiet tat-Tribunal specjali taht il-Kapitolu 380 ghal raguni illi l-ligi lanqas biss takkorda appell lil din il-Qorti fuq apprezzament tal-fatti. Naturalment, fil-limiti strettissimi ghal liema hu akkonsentit appell, jinkombi xorta wahda fuq dil-Qorti ta' l-Appell illi tezamina jekk id-decizjoni impunjata tikkontjenix strapp ghal-ligi jew, ghall-principju ta' l-ekwita`, in kwantu strument processwali determinat mil-legislatur, ex-Artikolu 7 (1) tal-Kapitolu imsemmi, ghal mod kif jigu decizi l-vertenzi quddiem it-Tribunal;

Fuq l-ewwel parti ta' l-aggravju sottomess relativ ghal prova tar-responsabilita`, it-Tribunal irraguna illi s-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali ma kienetx wahedha taghmel prova sufficjenti fil-proceduri civili quddiemu. In tema, l-appellati jikkonkordaw. Huma jirrikorru ghad-dispost ta' l-Artikolu 6 tal-Kodici Kriminali dwar l-indipendenza ta' l-azzjoni kriminali minn dik civili bl-aggunta illi fil-kamp civili l-prociment irid isir *ex integro* indipendentement minn kwalsiasi sentenza mnissla minn azzjoni kriminali. Sa hawn, dan l-argoment hu wiehed pacifiku. Ara f'sens konformi s-sentenza fl-ismijiet "**Onor. Paul Boffa *nomine et* -vs- Paul Zammit**", Prim' Awla, Qorti Civili, 6 ta' Frar, 1950 u d-decizjonijiet f'din kompendjati;

Premess dan, u premess ukoll illi skond l-Artikolu 627 (c) tal-Kapitolu 12 l-atti u r-registri tal-qrati ta' gustizzja huma ammissibbli bi prova *ex facie* – kompriz allura sentenza moghtija minn Qorti ta' Gudikatura Kriminali (ara, ukoll, decizjoni tal-Prim' Awla, Qorti Civili ta' l-1 ta' Dicembru, 1955 fl-ismijiet "**Carmelo Camilleri -vs- Gejtu Cassar**" –

ghandu jigi ravvizat illi l-argument ta’ l-appellati ma huwiex ghal kollox komplet. Dan qed jigi rilevat in kwantu hu dispost ukoll mill-Artikolu 632 (1) ta’ l-istess Kapitolu 12 illi “kull dikjarazzjoni maghmula mill-parti, kontra taghha nfisha, u kull kitba ohra li jkun fiha konfessjonijiet, konvenzjonijiet jew obbligi, jistghu jingiebu bi prova”;

Jirrizulta mill-kopja tas-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali fil-kaz “**Il-Pulizija -vs- Anna Clews**”, 12 ta’ April, 2007, illi l-konvenuta odjerna kienet f’dawk il-proceduri ammettiet l-imputazzjonijiet fil-konfront taghha tat-theddid u ta’ l-ingurja u tat-telf jew tnaqqis ta’ gieh l-atturi prezenti bi kliem, b’gesti jew b’kitba. Kif spjegat minn din il-Qorti fid-decizjoni “**Joseph Manche -vs- Mary Butler *et***”, 11 ta’ Mejju, 1957, “anke f’dan il-kaz il-verbal ta’ l-ammissjoni ta’ l-imputazzjoni, li hemm fl-inkartament kriminali, kien jikkostitwixxi prova, mhux bhala prova in sede kriminali estendibbli ghall-gudizzju civili, imma bhala konfessjoni. Dan bl-istess mod kif kienet tkun producibbli bhala prova konfessjoni bil-miktub maghmula band’ohra, jew anki konfessjoni verbali”;

Jikkonsegwi minn dawn il-konsiderazzjonijiet illi t-Tribunal ma kienx legalment korrett fl-affermazzjoni tieghu illi s-sentenza moghtija mill-Qorti ta’ Gudikatura Kriminali ma kienetx taghmel prova sufficjenti u li, ghaldaqstant, kienet mehtiega prova *hinc inde* quddiem tal-kommissjoni tal-malafama. *Del resto*, bil-kontra wkoll ta’ dak ritenut mill-Gudikatur, ma kienet tezisti ebda kontestazzjoni mill-konvenuti dwar is-sentenza b’dawk l-imputazzjonijiet u l-prova ta’ l-ammissjoni dwarhom. Ara deposizzjoni tal-konvenut George Clews (seduta, 10 ta’ Gunju, 2008);

Hi xort’ohra l-qaghda fejn tikkoncerna dik il-parti ta’ l-aggravju riferibilment ghall-prova tal-kwantum tad-danni. Jibda biex jigi ripetut a propozitu illi, kif espress minn din il-Qorti, f’bosta decizjonijiet ohra taghha, is-setgha affidata mil-ligi bl-applikazzjoni tal-principju ta’ ekwita` ma

ghandhiex tigi ridotta ghal semplici formula li sservi bhala skappatoja fl-assenza ta’ provi. Dan ghaliex tali principju ma kienx jezonera lil min jallega mill-obbligu li jipprova u jissostanzja l-assunti tieghu. Ara b’ezemplari “**Noel Xuereb -vs- CTB Limited**”, Appell, 12 ta’ Mejju, 2003;

L-atti ta’ dan il-kaz juru illi l-pretensjoni ta’ l-atturi appellanti ghar-rizarciment tad-danni kienet tistrieh fuq il-prova dokumentali kostitwita mill-prospett esebit minnhom. It-Tribunal deherlu li dan il-prospett ma kienx attendibbli u ta’ min jorbot fuqu bhala xi prova inkonfutabbli illi d-danni verament gabu l-konsegwenza patrimonjali negattiva dettaljata f’dak id-dokument. L-istess Tribunal spjega wkoll il-ghala ma kienx qed jaccetta dak il-prospett. *Inter alia*, li ma giex guramentat u li ma gewx lanqas provvduti dokumenti b’support tan-nefqa jew tat- telf indikat;

L-appellanti jikkontendu illi dak il-prospett kellu jservi bhala prova dimostrattiva ta’ l-irjus tad-danni ghar-raguni li ma giex ikkontestat. Fil-hsieb tal-Qorti dan ir-ragonament intiz bl-iskop li jattakka d-diskrezzjoni tat-Tribunal fir-rigward ma huwiex bizzejjed perswasiv. Huwa veru illi kif jinghad fl-Artikolu 9 (2) (b) tal-Kapitolu 380 it-Tribunal ma jkunx marbut fil-prattika dwar l-ahjar prova u jista’ allura jitgharraf b’kull mod li jidhirlu xieraq, imma dan ma kienx jiddispensa lill-parti, attiz li ma kienet tezisti ebda impossibilita` jew xi diffikulta estrema, milli, bi sforz diligenti, igib ‘il quddiem dawk il-provi dokumentali ghal skop tal-verifika dwarhom mit-Tribunal. Verament, kieku kellha tigi milqugha l-pretensjoni ta’ l-appellanti b’dik ir-raguni dan mhux biss jiddistruggi ghal kollox il-possibilita` ta’ l-ezercizzju tad-diskrezzjoni imma taghti x’wiehed jifhem illi t-Tribunal kellu bilfors jassumi illi dak il-prospett kellu jitqies ghal kollox attendibbli. Ikollu jinghad illi qaghda bhal din lanqas ma tista’ tkun ragonevolment akkonsentita. Lanqas bl-ezercizzju tal-principju ekwitativ in kwantu dan jista’ jwassal ghal rizultat tal-krejazzjoni ta’ dik l-inikwita` fil-konfront tal-kontro-parti, b’taghbija ta’ spejjez jew ta’ danni li ma jkunux, imqar, u *prima facie,*

adegwatament sostenuti.  Il-fatt biss tad-dikjarazzjoni tar-responsabilita ghad-danni ma jfisserx necessarjament li d-danni tassew jezistu.  Fuq dan anke il-gurisprudenza hi wahda konkordi.  Ara ad ezempju “**Carmelo Bugeja -vs- Lorenzo Cassar**”, Appell Civili, 1 ta’ April, 1966.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tiddeciedi illi, filwaqt li l-appell kwantu ghall-kwestjoni tar-responsabilita` hu wiehed sostenibbli, mhux l-istess jista’ jinghad dwaru fil-kaz tal-kwantum tad-danni.  Konsegwentement, din il-Qorti ser tghaddi biex tikkonferma dik il-parti tad-decizjoni appellata li rreteniet li l-prova tal-kwantum tad-danni ma gietx sufficjentement sostanzjata u tichadha ghal bqija. Fic-cirkostanzi huwa xieraq illi l-ispejjez taz-zewg istanzi jitbatew indaqs mill-kontendenti, bid-dritt tar-Registru sopportabbli mill-atturi appellanti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------